# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Gunju, 2017.**

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 73/2015 SM**

**Victoria Buhagiar**

**vs.**

**Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat is-6 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi ghaddejja proceduri kriminali fil-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Il-Pulizija Spettur (Dennis Theuma) vs. Victoria Buhagiar li kienet inizjata fl-20 ta' Mejju, 2010;

1.2. Illi l-akkuza dedotta fil-konfront taghha tirrigwarda l-pussess ta' medicina psikotropika u ristretta, (*ecstasy*), f'reat li allegatament sehh fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Mejju, 2008;

1.3. Illi irrilaxxat stqarrija fl-10 ta' Mejju, 2008, fejn ammettiet li kellha fil-pussess taghha droga li ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv taghha;

1.4. Illi l-istess stqarrija inghatat lill-Pulizija f'nofs ta' lejl minghajr mar-rikorrenti kienet assistita min avukat;

1.5. Illi fl-2008 meta giet rilaxxata l-imsemmija stqarrija l-ligi ma kienitx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali fl-istess cirkostanzi;

1.6. Illi kien ghad kellha biss ghoxrin (20) sena meta rrilaxxat l-istqarrija *de quo*;

1.7. Illi n-nuqqas statutorju li jipprovdi ghall-assistenza legali f'cirkostanzi simili jilledi d-dritt ta' smigh xieraq kif sancit mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), u mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Konvenzjoni);

1.8. Illi d-dritt ghall-assistenza legali gia` stabbilit permezz ta' gurisprudenza kostanti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Qorti ta' Strasburgu);

1.9. Illi in sostenn tas-suespost ir-rikorrenti taghmel referenza ghall-kazistika segwenti tal-***Qorti ta' Strasburgu***;

1.9.1. ***Salduz vs. Turkey*** datata s-***27 ta' Novembru, 2008***;

1.9.2. ***Dayanan vs. Turkey*** datata t-***13 ta' Ottubru, 2009***;

1.9.3. ***Pischalmikov vs. Russia*** datata l-***24 ta' Settembru, 2009***;

1.9.4. ***Plonka vs. Poland*** datata l-***31 ta' Marzu, 2009***;

1.10. Illi fil-kamp lokali l-istess rikorrenti taghmel referenza ghas-segwenti decizjonijiet tal-***Qorti Kostituzzjonali***:

1.10.1. ***Il-Pulizija vs. Alvin Privitera*** datata l-***11 t'April, 2011***; u

1.10.2. ***Il-Pulizija vs. Esron Pullicino*** datata it-***12 t'April, 2011***;

1.11. Illi dwar ir-rimedju li ghandu jinghata f'dawn ic-cirkostanzi r-rikorrenti tirreferi ghas-sentenza tal-***Qorti ta' Strasburgu***, fl-ismijiet ***Panovits vs. Cipru***, datata l-***11 ta' Dicembru, 2008***, li tirribadixxi essenzjalment li applikant, f'dawn ic-cirkostanzi, ghandu sa fejn hu possibbli, jitqieghed fil-posizzjoni li kien ikun kieku l-istqarrija ma ttihditx fl-essenza ta' avukat ta' fiducja jew tal-ghajnuna legali, skont il-kaz;

1.12. Illi in vista tal-premess aderiet din il-qorti biex l-intimat jghid ghaliex din m'ghandiex:

1.12.1. Tiddikjara li minhabba c-cahda tal-assistenza legali waqt l-arrest gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif sancit fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

1.12.2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi;

2. Rat id-digriet taghha datat it-8 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 7);

3.0. Rat ir-risposta datata z-19 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 13):

3.1. Illi jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti;

3.2. Illi c-cirkostanzi tal-kaz ma jiksrux l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni, u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

3.2.1. Illi l-fatt li persuna ma tkunx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jwassalx awtomatikament ghal ksur tad-dritt ta' smigh xieraq;

3.2.2. Illi kull kaz ghandu jigi ezaminat skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu;

3.2.3. Illi d-dritt in dizamina ghandu jkun evalwat fit-totalita` tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument specifiku biss;

3.2.4. Illi r-rikorrenti qatt ma giet imgieghla tirrilaxxa l-istqarrija li tat;

3.2.5. Illi effettivament inghatat id-debita twissija li ma kienitx obbligata titkellem sakemm mhux jekk taghmel hekk liberament, u dak li kienet ser tghid seta' jingieb bhala prova fil-konfront taghha;

3.2.6. Illi ghalhekk l-istqarrija rilaxxata mir-rikorrenti kienet wahda volontarja;

3.2.7. Illi waqt il-proceduri sussegwenti r-rikorrenti m'ghamlitx talba biex tattakka l-validita` jew il-volontarjeta` tal-istess stqarrija;

3.2.8. Illi anke kif intqal f'Salduz vs. Turkey, l-ebda qorti ma stabbiliet bhala principju universali, li n-nuqqas t'assistenza legali waqt l-interrogazzjoni hu awtomatikament ekwiparabbli ma' lezjoni tad-dritt fundamentali kif sancit fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

3.2.9. Illi f’dan id-dawl ghamel ukoll referenza ghas-segwenti:

3.2.9.i. ***Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali***, datata t-***8 t’Ottubru, 2012***;

3.2.9.ii. ***John Attard vs. Prim Ministru et***, datata l-***31 ta’ Mejju, 2013***;

3.2.9.iii. ***Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Alfred Camilleri***, datata l-***31 t’Ottubru, 2014***;

3.2.9.iv. ***Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Martin Dimech***, datata s-**26 t’April, 2013**;

3.2.9.v. ***Il-Pulizija vs. Norman Lowell***, datata t-***2 t’Ottubru, 2012***;

3.3. Illi fil-perjodu in dizamina, l-ebda imputat ma kellu d-dritt ta’ rapprezentanza legali matul l-investigazzjoni;

3.4. Illi fir-rigward tar-rimedju mitlub mir-rikorrenti, dikjarazzjoni ta’ ksur ghandha tkun sufficjenti;

3.5. Illi rimedju ghandu hawn ikun ikkunsidrat minn qorti ta’ guridizzjoni penali;

3.6. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.8. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat l-4 t’Ottubru, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati;

5. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-30 ta’ Novembru, 2016, (ara foll 99), flimkien man-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat datata l-31 ta’ Jannar, 2017, (ara foll 109);

6. Rat il-verbal datat it-8 ta’ Frar, 2017, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta’ sottomissjonijiet minnhom ipprezentati, (ara foll 115);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi r-rikorrenti ghaddejja proceduri ta’ natura kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

7.2. Illi l-akkuza hemm dedotta kontra r-rikorrenti odjerna tirrigwarda l-pussess ta’ pilloli tal-*ecstacy* bi ksur tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u tar-regolamenti fl-Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema droga allegatament ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghha, (ara foll 22);

7.3. Illi l-allegat reat sehh fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta’ Mejju 2008, (ara foll 22 u 79);

7.4. Illi l-procedura kriminali *de quo* kienet inizjata fl-20 t’April, 2009, (ara foll 22);

7.5. Illi r-rikorrenti kienet irrilaxxat stqarrija datata l-10 ta’ Mejju, 2008, li permezz taghha ammettiet li kellha l-pilloli tal-*ecstacy* intizi biex taghtihom lill-persuna li kienet tohrog mieghu dak iz-zmien, (ara foll 23);

7.6. Illi minn ezami tal-istess stqarrija u tax-xhieda tal-ispettur ikkoncernat, jirrizulta assodat li l-istess rikorrenti ma kienitx assistita minn avukat fil-mument li hi kienet qed tirrilaxxa l-istqarrija taghha in dizamina, (ara foll 23 u 79 *et sequitur*);

7.7. Illi fil-mument in dizamina r-rikorrenti kellha l-eta` ta’ ghoxrin (20) sena, (ara foll 1);

7.8. Illi l-intimat isosstni li r-rikorrenti ma gietx ippregudikata bl-ebda mod u fil-fatt:

7.8.1. Giet infurmata bid-dritt taghha li ma tinkriminax lilha nnifisha, (ara foll 23, 79 u 80);

7.8.2. Giet spjegata lilha l-procedura li kienet ser tintuza, (ara foll 80);

7.8.3. Giet infurmata ukoll bid-dritt li tibqa` fis-silenzju, (ara foll 23 u 80);

7.8.4. Illi l-istess spettur inkarigat assigura ruhhu li r-rikorrenti kienet fehmet is-sitwazzjoni li kienet fiha u bid-drittijiet li kellha, (ara foll 80);

Ikkunsidrat:

8. Illi in vista tal-fatt li r-rikorrenti ma kienitx assistita minn avukat fil-mument tal-interrogatorju taghha, qed tallega li inkiser id-dritt fundamentali taghha ta' smigh xieraq kif sancit fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

9. Illi min-naha tieghu l-intimat isosstni li kif fuq sintetikament espost, ir-rikorrenti ma giet ippregudikata bl-ebda mod;

10. Illi *di piu`*, l-istess intimat isosstni wkoll li f'dawn il-proceduri wiehed ghandu principalment ihares lejn it-totalita` tal-proceduri involuti u ghalhekk ghandu jsir apprezzament tal-process kriminali fl-interezza tieghu u mhux janalizza biss episodji partikolari bhal mhi l-istqarrija in dizamina;

11. Illi finalment l-intimat isosstni wkoll li l-assistenza legali fil-mument tal-interrogatorju mhix konsegwenza naturali tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

Ikkunsidrat:

**A. L-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni:**

12. Illi l-fatti in dizamina jirrigwardaw il-*punctum temporis* precedenti ghall-fazi procedurali li tirrigwarda "smigh xieraq" li timplika l-ezistenza ta' kawza kriminali veru u proprju;

13. Illi in effetti ghandu jkun pacifiku li f'dan l-istadju tal-interrogatorju lanqas biss ikun hemm bizzejjed provi biex l-intimat jew il-pulizija jiddeciedu kif ser jipprocedu;

14. Illi *nonostante* dan, l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni xorta japplika ghac-cirkostanzi in dizamina;

15. Illi in effetti din il-posizzjoni mhux dejjem kienet il-posizzjoni li l-qrati lokali kienu jiehdu fir-rigward *stante* kif li kien sostenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Migneco***, datata l-***15 ta' Novembru, 2011***, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) irriteniet li l-artiklu 39 in dizamina kien japplika biss ***wara***, u mhux ***qabel***, li l-persuna kkoncernata tkun akkuzata;

16. Illi pero` il-posizzjoni fir-rigward evolviet;

17. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Malcolm Said vs. Avukat Generali et***, datata l-***24 ta' Gunju, 2016***, il-***Qorti Kostituzzjonali*** irriteniet is-segwenti:

> "8 Ma jfissirx izda illi dak li jkun sar qabel mal-attur ikun akkuzat ma jistax jolqot, bi pregudizzju ghalih, dak li jigri wara li jigi akkuzat, b'mod li, minhabba dak li jkun sar qabel, ma jkunx jista` jinghata smigh xieraq. Li jfisser hu illi l-ksur – jekk it-tehid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tal-attur – isehh mhux bil-fatt li tkun ittiehdet l-istqarrija (meta l-attur kien ghadu mhux "akkuzat") izda bil-fatt li jsir uzu minn dik l-istqarrija waqt il-process kriminali, (meta allura l-attur ikun "akkuzat").
>
> "9 Ghal din ir-raguni ma jistax jinghad *a priori* illi l-artiklu 39 huwa ghal kollox inapplikabbli";

Ikkunsidrat:

**B. L-artiklu 6 tal-Konvenzjoni:**

18. Illi dak li sussegwentement jinghad fil-konfront tal-artikolu 6 *de quo* japplika wkoll fil-konfront tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni;

19. Illi in essenza l-artikli in dizamina jistipulaw li fid-determinazzjoni tal-akkuza kriminali, l-akkuzat hu intitolat ghal smigh xieraq;

20.0. Illi konsegwentement tali akkuzat ghandu allura d-dritt li:

20.1. Jiddefendi ruhhu personalment jew tramite l-assistenza legali tal-ghazla tieghu;

20.2. Fin-nuqqas ta' finanzi, jinghata l-assistenza legali – serja u mhux nominali – b'xejn;

Ikkunsidrat:

21. Illi fil-kawza f'dan ir-rigward fl-ismijiet Il-***Pulizija vs. Alvin Privitera*** datata t-***28 t'Ottubru, 2010***, il-***Qorti Kostituzzjonali*** irriteniet li l-assenza ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju kienet leziva d-dritt ta' smigh xieraq kif sancit fl-artiklu tal-Konvenzjoni in dizamina u konsegwentement taffettwa l-validita` tal-istqarrija, (ara *"Towards a European Criminal Law System"*, *Stefano Filletti, Kite*, Malta 2017, p. 176);

22. Illi l-istess kien ribadit mill-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** u sussegwentment mill-***Qorti Kostituzzjonali*** wara ***Referenza ta' Mark Lombardi*** datata t-***12 t'April, 2011***, (ibid. p. 176);

23. Illi l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti l-istess ***Qorti Kostituzzjonali*** sosstniet is-segwenti:

> "Il-Qorti tikkonkludi ghalhekk fil-kaz odjern kien hemm lezjoni tad-dritt tal-appellant ghal smigh xieraq fl-artiklu 6(3)(c) konguntivament mal-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea meta huwa ma nghatax l-assistenza legali. Din il-qorti hi tal-fehma li d-dritt li persuna arrestata tigi assistita minn avukat ghandu jinghata fil-bidunett tal-investigazzjoni u qabel din il-persuna tirrilaxxja stqarrija, izda mhux li tkun assistita waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija", (sottlinear tal-qorti);

24. Illi ghalhekk, sa dan l-istadju l-qorti in dizamina, ghalkemm irribadiet li persuna arrestata kellha tinghata d-dritt tal-assistenza legali mill-bidunett tal-investigazzjoni, ma kienitx ghada wasslet biex tirrikonoxxi bhala dritt fundamentali tal-interrogat, li dan ikun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tieghu, (ara ibid p. 177);

Ikkunsidrat:

25. Illi s-sitwazzjoni fir-rigward kompliet tevolvi bis-sentenza tal-***Qorti ta' Strasburgu*** fl-ismijiet ***Salduz vs. Turkey***, datata s-***27 ta' Novembru, 2008***, li fil-paragrafu 55 taghha irriteniet is-segwenti:

> "The right of the defense will in principle, be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction";

26. Illi *di piu`* l-istess ***Qorti ta' Strasburgu*** tghallem li f'dawn ic-cirkostanzi hawn in dizamina m'hemmx bzonn li jsir ezami tal-proceduri fl-interezza taghhom kemm- il darba jirrizulta assodat li jkun hemm restrizzjoni sistematika ghad-dritt tal-assistenza legali – bhalma kienet is-sitwazzjoni fil-perjodu in dizamina, (ara ***Dayanan vs. Turkey***, datata t-***13 t'Ottubru, 2009***, ***Pavlenko vs. Russia***, datata l-***1 t'April, 2010***, u ***Pischalnikov vs. Russia***, datata l-***24 ta' Settembru, 2009***;

Ikkunsidrat:

27.0. Illi ghalhekk jigi osservat li l-posizzjoni mehuda mill-qrati lokali evolviet konsiderevolment *stante* li kienu jirritjenu li biex persuna tirnexxi f'kawza simili ghal dik odjerna kellha tipprova li kienet:

27.1. Persuna taht l-eta`; jew

27.2. Persuna vulnerabbli; jew

27.3. Persuna li b'xi mod kienet mhedda jew imgieghla li tirrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni;

28. Illi allura dan kien ifisser li qabel l-intervent gurisprudenzjali tal-Qorti ta' Strasburgu fuq riferit, kien hemm il-htiega li jigu ezaminati l-proceduri fl-interezza taghhom – haga li m'ghadiex il-kaz, (ara paragrafu sitta u ghoxrin, (26.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

29. Illi *di piu`*, wara l-intervent ulterjuri tal-istess ***Qorti ta' Strasburgu*** fil-kawza fl-ismijiet ***Mario Borg vs. Malta***, datata t-***12 ta' Jannar, 2016***, il-posizzjoni lokali fir-rigward kompliet tevolvi;

30. Illi l-imsemmija sentenza tirrileva s-segwenti:

"(i) General Principles:

"56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examing whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies, (see ***Salduz vs. Turkey (GC)***, no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).

"57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective", Articl 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under article 6. The rights of the defense will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made durng poice interrogation without access to a lawyer are used for a conviction, (see ***Salduz***, cited above, § 55);

“58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of article 6, (ibid. § 56);

(ii) Application to the present case:

“59. The Court observes that the post Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine), does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.

“60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force, (see, for example, ***Salduz***, cited above, § 56; ***Navone and Others vs. Monaco***, nos 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81 – 85, ***24th October, 2013***; ***Brusco vs. France***, no.1466/07, § 54, ***14th October, 2010***; and ***Stojkovic vs. France and Belgium***, no.25303/08, §§ 51 – 57, ***27th October, 2011***). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of article 6 (see for example, ***Dayanan vs. Turkey***, no. 7377/03 §§ 31 - 33, ***13th October, 2009***; ***Mesilkaya vs. Turkey***, no. 59780/00, ***8th December, 2009***; and ***Fazli Kaya vs. Turkey***, no. 24820/05, ***17th September, 2013***;

“61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see, Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government had not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage, (in the maltese context, the stage before arraignment).

"62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused

persons. This already falls short of the requirements of article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see, Salduz, cited above § 52, 55 and 56).

"63. There has accordingly been a violation of article 6 § 3 (c) taken in conjunction with article 6 § 1 of the Convention";

Ikkunsidrat:

31. Illi fid-dawl tal-insenjament in dizamina tal-Qorti ta' Strasburgu, ghandu jkun pacifiku li kull stqarrija li ssir fl-assenza ta' assistenza legali, salv f'kazijiet eccezzjonali, hi leziva tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

32.0. Illi in vista tal-evoluzzjoni gurisprudenzjali internazzjonali kif pronunzjata fl-imsemmija kawza ***Mario Borg vs. Malta*** fuq estensivament ikkwotata, l-istess posizzjoni issa:

32.1. Qieghda mhux biss tigi segwita mill-qrati lokali, (ara in ezempju ***Malcolm Said vs. Avukat Generali***, tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili***, datata l-***14 ta' Jannar, 2016***; u ***Trevor Bonnici vs. l-Avukat Generali***, tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** wkoll, datata l-***10 ta' Novembru, 2016***; izda

32.2. Giet ukoll kristallizzata statutorjament u reza applikabbli mit-***13 t'April, 2017***, permezz tal-***Avviz Legali 102/2017***;

33. Illi konsegwentement, il-fatt wahdu li persuna interrogata ma jkolliex l-ghajnuna ta' avukat hu minnu nnifsu bizzejjed biex, ikun hemm lezjoni tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, u naturalment, tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni;

34. Illi in vista tal-premess, jirrizulta allura assodat li r-rikorrenti sofriet lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq *stante* li waqt li fil-lejl tal-10 ta' Mejju, 2008, meta hi kienet giet interrogata, ma kienitx assistita minn avukat;

Ikkunsidrat:

35.0. Illi dwar ir-rimedju li tali lezjoni ghandha tattira jinghad sintetikament is-segwenti:

35.1. Illi skont l-intimata, ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti fid-dawl tas-sentenza tal-***Qorti ta' Strasburgu*** fl-ismijiet ***Panovits vs. Cipru***, (ara foll 6), li terga titpogga fil-posizzjoni li hi kienet li kieku l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni ma giex injorat senjatament, li tigi sfilzata l-istqarrija in dizamina – hi ingustifikata, (ara foll 15 u paragrafu numru tlieta punt hdax, (3.11.), aktar qabel);

35.2. Illi l-istess intimat isosstni li tali sfilz ghandu jigi biss ikkunsidrat mill-qorti kriminali kompetenti li hi biss ghandu jkollu l-fakolta` li tevalwa l-validita` u l-ammissibilita` tal-provi prodotti, (ara foll 15 u paragrafu numru tlieta punt tnax, (3.12.), aktar qabel);

36. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali***, datata l-***10 t'Ottubru, 2011***, li tghid:

> "F'dan ir-rigward ghandha ssir referenza ghall-provediment tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li din il-qorti "tista taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa biex twettaq jew tassigura it-twettiq" tad-drittijiet fundamentali specifikati fl-istess Kostituzzjoni. Kwindi jekk din il-qorti jidhrilha li biex jittwettqu b'mod effikaci, d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghandu jigi ordnat l-isfilz tal-istqarrija, dan jista' jsir skont l-imsemmija provedimenti. Skont l-istess provedimenti hu l-obbligu tal-qorti li taghti dawk l-ordnijiet u direttivi li jkunu intizi biex jassiguraw li d-drittijiet tar-rikorrenti jigu tutelati u nwettqa";

Ikkunsidrat:

37. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-istqarrija in dizamina, dik datata l-10 ta' Mejju, 2008, (ara foll 23), kienet mehuda in vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, u dan, *nonostante* li l-pulizija investigattiva imxiet fil-limiti statutorji vigenti f'dak iz-zmien;

38. Illi jigi sottolineat ghalhekk li kienu proprju dawk il-provizjonijiet statutorji li kienu jippermettu t-tehid ta' stqarrijiet fl-assenza ta' avukat ta' fiducja li effettivament kienu jilledu dawn id-drittijiet fundamentali tal-persuni involuti;

39. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li kwalunkwa sentenza li tista tinghata fir-rigward, m'ghandiex anke jekk mhux unikament, tkun kontaminata minn stqarrija li ittiehdet bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

40.0. Illi in vista tal-premess ghalhekk, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

40.1. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat;

40.2. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

40.3. Tiddikjara li rizultat tal-assenza tal-assistenza legali tar-rikorrenti waqt l-arrest u l-interrogatorju in dizamina taghha, gie lez lilha d-dritt fundamentali taghha ghal smigh xieraq kif sancit fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

40.4. Tordna li bhala rimedju xieraq u effettiv l-istqarrija rilaxxata lill-ufficjal investigattiv mir-rikorrenti datata l-10 ta' Mejju, 2008, tigi sfilzata mill-atti tal-procedura kriminali in dizamina *stante* li ma gietx karpita fid-dawl

tad-drittijiet fundamentali taghha u ghalhekk irrimedjabbilment kontaminata;

40.5. Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-Qorti tal-Magistrati, (Gudikatura Kriminali), kolpita bl-istess procedura;

40.6. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**